**158. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

**KONTINWAZZJONI TA' KIRI TA' ST GEORGES BARRACKS ST GEORGE'S,**

**LIL ĦAL FERĦ HOLIDAY COMPANY LTD.**

Billi b'Riżoluzzjoni tas-Seduta Numru 123 tal-24 ta' Jannar, 1978, il-Kamra tad-Deputati approvat l-għotja ta' St George's Barracks, St Geroge's, lil Ħal Ferħ Holiday Company Ltd. skond il-kondizzjonijiet ta' l-Abbozz ta' Ftehim anness ma' l-istess Riżoluzzjoni;

U billi l-imsemmija Kumpannija talbet lill-Gvern bies jerġa' jikrilha l-istess fond għal sena mill-1 ta' Awissu, 1978, skond il-pattijiet u kondizzjonijiet l-oħra li hemm fl-Abbozz ta'; Ftehim fuq imsemmi;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-sehh fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-fond magħruf bħala St George's Barracks, St George's jista' jiġi mogħti lill-imsemmija Kumpannija, Ħal Ferħ Holiday Company Ltd. b'kera għal sena mill-1 ta' Awissu, 1978, skond il-pattijiet u kondizzjonijiet l-oħra li hemm fl-Abbozz ta' Ftehim fuq imsemmi.

12.01.1979